MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Numru 306/2005

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

vs

Paul Tedesco

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Paul Tedesco detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 27237A, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-21 ta’ Marzu 2005, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta’ Kalcidon Vella, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 871248M u Marcelle

Cassar, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 60956M.

Semghet lill-imputat fl-ewwel udjenza jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat b’truffa. Jirrizulta illi illum ssalda d-debitu tieghu skond ricevuta rilaxxjata mill-legali tal-kwerelanti u debitament esebita.

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat qeghdha l-Qorti tiddikjarah hati tal-akkuza kontrih dedotta.

Illi kkunsidrat li l-imputat issalda d-debitu qeghdha ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 308 tal-Kap 9 tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------